Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10173 — Luminus/Essent Belgium)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 113/08)

1. Fit-23 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Luminus S.A. ("Luminus", il-Belġju), ikkontrollata minn EDF S.A. ("EDF", Franza),

— Essent Belgium NV ("Essent Belgium", il-Belġju), sussidjarja ta' E.ON S.E. ("E.ON", il-Ġermanja).

Luminus takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Essent Belgium kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Luminus: il-ġenerazzjoni u l-provvista tal-elettriċità kif ukoll il-provvista tal-gass fil-Belġju,

— Essent Belgium: il-provvista bl-imnut tal-elettriità u l-gass lil klijenti industrijali u kummerċjali żgħar u klijenti residenzjali fil-Belġju.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10173 — Luminus/Essent Belgium

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").